

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## L 320

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

7 ta' Diċembru 2010

Werrej

## II Atti mhux leġiżlattivi

## REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1136/2010 tas-6 ta' Diċembru 2010 li jstabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 1

## DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2010/89/UE tas-6 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tiġi inkluża l-quinmerac bħala sustanza attiva u li temenda d-Deċiżjoni 2008/934/KE<sup>(1)</sup>** ..... 3

## DEĊIŻJONIJIET

2010/752/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2010 li taħtar membru Olandiż fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** ..... 7

2010/753/PESK:

★ **Deċiżjoni Atalanta/5/2010 tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tas-26 ta' Novembru 2010 dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi f' barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)** ..... 8

Prezz: EUR 3

(Ikompri fil-paġna ta' wara)

<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE
**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2010/754/PESK:

- ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurta' EUPM/1/2010 tat-30 ta' Novembru 2010 dwar l-estensjoni tal-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Herzegovina 9

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/755/PESK tas-6 ta' Diċembru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2009/906/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja-Herzegovina (BiH) ..... 10

2010/756/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008 ..... 11

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2010 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008 ..... 12



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1136/2010

tas-6 ta' Diċembru 2010

li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,  
fisem il-President,*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

## ANNEX

## il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	39,4
	MA	94,7
	MK	66,1
	TR	132,6
	ZZ	83,2
0707 00 05	EG	145,5
	JO	182,1
	TR	87,4
	ZZ	138,3
0709 90 70	MA	77,7
	TR	108,7
	ZZ	93,2
0805 10 20	AR	50,8
	BR	57,8
	MA	54,9
	TR	51,5
	ZA	52,1
	ZW	48,4
	ZZ	52,6
0805 20 10	MA	67,2
	ZZ	67,2
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	HR	60,9
	IL	72,2
	TR	62,2
	ZZ	65,1
0805 50 10	AR	45,9
	TR	57,6
	UY	57,1
	ZZ	53,5
0808 10 80	AR	74,9
	AU	164,5
	BR	50,3
	CA	87,1
	CL	84,2
	CN	86,4
	MK	26,7
	NZ	99,2
	US	92,5
	ZA	116,6
ZZ	88,2	
0808 20 50	CN	68,9
	US	112,9
	ZZ	90,9

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

## DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/89/UE

tas-6 ta' Novembru 2010

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tiġi inkluża l-quinmerac bħala sustanza attiva u li temenda d-Deċiżjoni 2008/934/KE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 6 (1) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 <sup>(2)</sup> u 1490/2002 <sup>(3)</sup> jistipulaw regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tielet stadju tal-programm tax-xogħol imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jstabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bl-għan tal-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. Dik il-lista kienet tinkludi l-quinmerac.
- (2) Skont l-Artikolu 11e tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002 l-applikant irtira s-sostenn tiegħu għall-inklużjoni ta' dik is-sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE fi żmien xahrejn minn meta wasal l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni. Konsegwentement, dwar in-noninklużjoni tal-quinmerac kienet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE tal-5 ta' Diċembru 2008 rigward in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi <sup>(4)</sup>.
- (3) Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE n-notifikant oriġinali (minn issa 'l quddiem l-applikant) ressaq applikazzjoni ġdida li titlob l-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata, kif previst fl-Artikoli minn 14 sa 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jstipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta'

sustanzi attivi li kienu jaġhmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha <sup>(5)</sup>.

- (4) L-applikazzjoni tressqet lir-Renju Unit, li kien maħtur bħala l-Istat Membru relatur bir-Regolament (KE) Nru 451/2000. Il-perjodu ta' żmien għall-proċedura aċċelerata kien osservat. L-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva u l-użi sostnuti huma l-istess kif kien is-suġġett tad-Deċiżjoni 2008/934/KE. Dik l-applikazzjoni tikkonforma wkoll mal-bqija tar-rekwiżiti proċedurali u sostantivi tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008.
- (5) Ir-Renju Unit evalwa d-dejta addizzjonali mressqa mill-applikant u ħejja rapport addizzjonali. Dan ikkomunika dak ir-rapport lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn issa 'l quddiem "l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fit-18 ta' Ġunju 2009. L-Awtorità kkomunikat ir-rapport addizzjonali lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-applikant għal kummenti u għaddiet il-kummenti li wasluha lill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 33/2008 u, fuq talba tal-Kummissjoni, fis-26 ta' Frar 2010 <sup>(6)</sup> l-Awtorità ressqet il-konklużjoni tagħha dwar il-quinmerac lill-Kummissjoni. L-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni, ir-rapport addizzjonali u l-konklużjoni tal-Awtorità ġew irrivediti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali u ffinalizzati fit-28 ta' Ottubru 2010 fil-format tar-rapport ta' revizzjoni tal-Kummissjoni għall-quinmerac.
- (6) Mid-diversi eżamijiet li saru ħareġ li l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-quinmerac huma mistennija jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) (a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari dwar l-użi tagħhom li ġew eżaminati u mniżżla fid-dettall fir-rapport ta' revizzjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-quinmerac tiġi inkluża fl-Anness I biex jiġi assigurat li, fl-Istati Membri kollha, ikunu jistgħu jingħataw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza skont id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.<sup>(3)</sup> ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23.<sup>(4)</sup> ĠU L 333, 11.12.2008, p. 11.<sup>(5)</sup> ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.<sup>(6)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance quinmerac. EFSA Journal 2010; 8(3):1523. [68 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2010.1523. Disponibbli fuq l-internet: www.efsa.europa.eu

- (7) Bla ħsara għal din il-konklużjoni, huwa xieraq li jinkiseb iktar tagħrif dwar ċerti punti speċifiċi. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/414/KE jistipula li l-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness I tista' tiġi suġġetta għal xi kundizzjonijiet. Għaldaqstant, huwa f'loku li l-applikant jintalab iressaq informazzjoni addizzjonali li tikkonferma r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju abbażi tal-aktar għarfien xjentifiku riċenti fir-rigward tal-potenzjal tal-metaboliżmu tal-pjanta li jirriżulta f'fetħa fid-dawra tal-kwinolina, ir-residwi fit-tinwib tal-għejejjel u r-riskju fit-tul għall-ħniew kawża tal-metabolit BH 518-5.
- (8) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex l-Istati Membri u l-partijiet interessanti jingħataw ċans jippreparaw irwieħhom sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ġodda li jirriżultaw mill-inklużjoni.
- (9) Mingħajr ħsara għall-obbligazzjonijiet stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE konsegwenza tal-inklużjoni tas-sustanzi attivi fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara l-inklużjoni biex jirvedu l-awtorizzazzjonijiet eżistenti ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-quinmerac sabiex jaċċertaw li r-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fl-Artikolu 13 tagħha u l-kondizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Anness I, jiġu sodisfatti. L-Istati Membri għandhom ivarjaw, ibiddu jew jirtiraw, skont kif ikun xieraq, l-awtorizzazzjonijiet eżistenti, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE. B'deroga mill-iskadenza msemmija hawn fuq, għandu jiġi pprovdut perjodu itwal għas-sottomissjoni u l-valutazzjoni tad-dossier sħiħ tal-Anness III ta' kull prodott għall-ħarsien tal-pjanti għal kull użu maħsub skont il-prinċipji uniformi stabbiliti fid-Direttiva 91/414/KEE.
- (10) L-esperjenza miksuba minn inklużjonijiet preċedenti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE ta' sustanzi attivi vvalutati fil-qafas tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li jitratta dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti<sup>(1)</sup> uriet li jistgħu jinħolqu diffikultajiet fl-interpretar tal-obbligi ta' dawk li għandhom f'idhom awtorizzazzjonijiet eżistenti b'rabta mal-aċċess għad-dejta. Għalhekk, sabiex jiġu evitati iktar diffikultajiet, jidher li huwa meħtieġ li jiġu kkjarifikati d-dmirijiet tal-Istati Membri, speċjalment id-dmir li jivverifikaw li d-detentur ta' awtorizzazzjoni jkollu x'juri li għandu aċċess għal dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ta' din id-Direttiva. Madankollu, din il-kjarifika ma timponix xi obbligi ġodda fuq l-Istati Membri jew dawk li għandhom l-awtorizzazzjonijiet, meta mqabbla mad-direttivi li ġew adottati s'issa u li jemendaw l-Anness I.
- (11) Għaldaqstant, huwa xieraq li d-Direttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.
- (12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE tal-5 ta' Diċembru 2008 rigward in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi tipprovdi għan-noninklużjoni tal-quinmerac u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom is-sustanza sal-31 ta' Diċembru 2011. Mhuwiex neċessarju li titħassar il-linja li tikkonċerna l-quinmerac fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.
- (13) Huwa għalhekk f'loku li tiġi emendata d-Deċiżjoni 2008/934/KE skont dan.
- (14) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

## ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

## Artikolu 2

Il-linja li tikkonċerna lill-quinmerac fl-Anness tad-Deċiżjoni 2008/934/KE titħassar.

## Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2011, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkonmunicaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Novembru 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

## Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom, b'konformità mad-Direttiva 91/414/KEE u fejn hu meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-quinmerac bħala sustanza attiva sal-1 ta' Novembru 2011.

Sa dik id-data huma għandhom b'mod partikolari jivverifikaw li l-kundizzjonijiet fl-Anness I tad-Direttiva li jikkonċernaw il-quinmerac jiġu sodisfatti, bl-eċċezzjoni ta' dawk identifikati fil-parti B tar-referenza li tikkonċerna dik is-sustanza attiva, u li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jkollu f'idejh, jew ikollu aċċess għal, dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ta' dik id-Direttiva skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠU L 366, 15.12.1992, p. 10.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-ħarsien tal-pjanti li fih il-quinmerac bħala l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li jkunu l-koll elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2011, l-Istati Membri għandhom jevalwaw mill-ġdid il-prodott skont il-prinċipji uniformi previsti fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE u dan abbażi tad-dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III ta' dik id-Direttiva u billi titqies il-parti B tal-annotazzjoni fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li tikkonċerna l-quinmerac. Fuq il-bażi ta' dik il-valutazzjoni, għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara li jiġi stabbilit dan, l-Istati Membri għandhom:

- (a) fil-każ ta' prodott li jkun fih il-quinmerac bħala l-unika sustanza attiva, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sa mhux iktar tard mit-30 ta' April 2015; jew
- (b) fil-każ ta' prodott li jkun fih il-quinmerac bħala waħda minn diversi sustanzi attivi, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-

awtorizzazzjoni sat-30 ta' April 2015 jew sad-data ffissata għal emenda jew irtirar ta' din ix-xorta fid-Direttiva jew Direttivi rispettivi li żiedu s-sustanza jew is-sustanzi rilevanti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, skont liema waħda tkun l-aktar reċenti.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2011.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

ANNEX

L-annotazzjoni li ġeja għandha tiżdied fl-aħħar tat-tabella fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KE.

Nru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem skont l-IUPAC	Purità <sup>(1)</sup>	Dħul fis-seħħ	Skadenza tal-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"316	Quinmerac Nru CAS: 90717-03-6 Nru CIPAC: 563	7-kloro-3-metilkwinolina-8- aċidu karbossiliku	≥ 980 g/kg	1 ta' Mejju 2011	30 ta' April 2021	<p>PARTI A</p> <p>L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.</p> <p>PARTI B</p> <p>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' revizzjoni dwar il-quinmerac, u b'mod partikolari għandhom jitqiesu l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-28 ta' Ottubru 2010.</p> <p>F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— għall-protezzjoni tal-ilma taħt l-art meta s-sustanza attiva tkun applikata freġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiki vulnerabbli;</li> <li>— l-esponiment dijetetiku tal-konsumaturi għar-residwi tal-quinmerac (u l-metaboliti tagħha) fit-tinwib suċċessiv tal-għejejel</li> <li>— ir-riskju għal organiżmi akkwatiċi u r-riskju fit-tul għall-ħniex.</li> </ul> <p>Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.</p> <p>L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li titressaq informazzjoni fir-rigward:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— tal-potenzjal tal-metaboliżmu tal-pjanta li jirriżulta f'fetħa fid-dawra tal-kwinolina;</li> <li>— tar-residwi fit-tinwib tal-għejejel u r-riskju fit-tul għall-ħniex kawża tal-metabolit BH 518-5.</li> </ul> <p>Huma għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi l-informazzjoni u d-dejta li jikkonfermaw dan lill-Kummissjoni sat-30 ta' April 2013."</p>

<sup>(1)</sup> Iżjed dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva huma provduti fir-rapport tar-reviżjoni.



# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-2 ta' Diċembru 2010

li taħtar membru Olandiż fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2010/752/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

*Artikolu 1*

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Gvern Olandiż,

Is-Sur Leon MEIJER, *senior beleidsadviseur Europese Zaken*, huwa b'dan maħtur b'ħala membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2015.

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

*Artikolu 2*

Billi:

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

(1) Fit-13 ta' Settembru 2010 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/570/UE li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2010 sal-20 ta' Settembru 2015 <sup>(1)</sup>.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2010.

(2) Post ta' membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sar vakanti wara t-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Melanie BOUWKNEGT,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. WATHELET

<sup>(1)</sup> ĠU L 251, 25.9.2010, p. 8.

## DEĊIŻJONI ATALANTA/5/2010 TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ

tas-26 ta' Novembru 2010

dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)

(2010/753/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja <sup>(1)</sup> (Atalanta), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6 tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (2) Fid-19 ta' Lulju 2010, il-KPS adotta d-Deċiżjoni Atalanta/4/2010 <sup>(2)</sup> dwar il-ħatra tal-Viċi Ammirall (LH) Philippe COINDREAU bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja.
- (3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rakkomanda li jinħatar il-Viċi Ammirall Juan RODRÍGUEZ GARAT bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja.

(4) Il-Kumitat Militari tal-UE jappoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.

(5) Skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Viċi Ammirall Juan RODRÍGUEZ GARAT huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2010.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

<sup>(1)</sup> ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

<sup>(2)</sup> ĠU L 199, 31.7.2010, p. 28.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA' EUPM/1/2010****tat-30 ta' Novembru 2010****dwar l-estensjoni tal-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Herzegovina**

(2010/754/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA',

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/906/PESK tat-8 ta' Diċembru 2009 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja-Herzegovina (BiH) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni 2009/906/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-finijiet tal-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-(EUPM BiH), inkluża, b'mod partikolari, d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fil-15 ta' Diċembru 2009, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, il-KPS, bid-Deċiżjoni tiegħu EUPM/1/2009 <sup>(2)</sup>, estenda l-mandat tas-Sur Stefan FELLER bħala Kap tal-Missjoni tal-EUPM BiH sal-31 ta' Diċembru 2010.

- (3) Fil-15 ta' Novembru 2010, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona lill-KPS biex jestendi l-mandat tas-Sur Stefan FELLER bħala Kap tal-Missjoni tal-EUPM BiH għal sena oħra, sal-31 ta' Diċembru 2011,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Stefan FELLER bħala l-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Herzegovina huwa b'dan estiż sal-31 ta' Diċembru 2011.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2011.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà**Il-President*

W. STEVENS

<sup>(1)</sup> ĠU L 322, 9.12.2009, p. 22.

<sup>(2)</sup> ĠU L 330, 16.12.2009, p. 79.

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/755/PESK****tas-6 ta' Diċembru 2010****li temenda d-Deċiżjoni 2009/906/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja-Herzegovina (BiH)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2009/906/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja-Herzegovina <sup>(1)</sup>. Dik id-Deċiżjoni tal-Kunsill tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011.
- (2) Il-EUPM qiegħda titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u tista' tkun ta' dannu għall-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif imniżżel fl-Artikolu 21 tat-Trattat.
- (3) Wara d-dħul fis-seħħ tat-Tratt ta' Lisbona il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjonijiet tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà (RGħ).
- (4) Id-Deċiżjoni 2009/906/PESK għandha tiġi emendata biex tipprevedi ammont ta' referenza finanzjarja li jkopri n-nefqa tal-EUPM għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2011,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2009/906/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 9(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-RGħ, il-KPS għandu jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUPM.";

(2) fl-Artikolu 10(1) l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-RGħ, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUPM.";

(3) is-subparagrafu li ġej għandu jiżded mal-Artikolu 12(1):

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa tal-EUPM għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2011 għandu jkun EUR 17 600 000."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. MILQUET

<sup>(1)</sup> ĠU L 322, 9.12.2009, p. 22.

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-7 ta' Ottubru 2010

## dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008

(2010/756/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali aħħarin tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Kulleġġ <sup>(1)</sup>

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 (5827/2010 – C7-0061/2010),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 <sup>(2)</sup> li tipposponi d-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2008, kif ukoll it-tweġibiet tad-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE u l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0253/2010),

1. Jiċħad il-kwittanza lid-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2008 <sup>(6)</sup>;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lid-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u sabiex jiżgura li jiġu ppubblikati fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

Jerzy BUZEK

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 304, 15.12.2009, p. 124.

<sup>(2)</sup> ĠU L 252, 25.9.2010, p. 232.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> Id-deċiżjoni biex jingħalqu il-kontijiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 200 għandha tittieħed f'sessjoni parzjali sussegwenti, f' konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(2)(b) tal-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

## RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-7 ta' Ottubru 2010

**li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali aħħarin tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Kulleġġ <sup>(1)</sup>
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 (5827/2010 – C7-0061/2010),
  - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 <sup>(2)</sup> li tipposponi d-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2008, kif ukoll it-tweġibiet tad-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE u l-Artikolu 319 tat-Trattat għall-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0253/2010),
- A. billi l-Kulleġġ twaqqaf fl-2001 u, b'effett mill-1 Jannar 2006, ġie trasformat f'korp Komunitarju fis-sens tal-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju, biex b'hekk daħal fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju strutturali għall-aġenziji,
- B. billi fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2006, il-Qorti tal-Awdituri esprimiet riżervi fl-opinjoni tagħha dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi minħabba li l-proċeduri tal-akkwist ma kinux konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju,
- C. billi fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2007, il-Qorti tal-Awdituri esprimiet riżervi fl-opinjoni tagħha dwar l-affidabilità tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi,

<sup>(1)</sup> ĠU C 304, 15.12.2009, p. 124.<sup>(2)</sup> ĠU L 252, 25.9.2010, p. 232.<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- D. billi fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2008, il-Qorti tal-Awdituri sostniet l-opinjoni tagħha, mingħajr ma esprimiet riżervi, dwar l-affidabilità tal-kontijiet u esprimiet opinjoni bir-riżervi dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi,
- E. billi fid-deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010, il-Parlament iddeċieda li jipposponi l-għoti tal-kwittanza għas-sena finanzjarja 2008;

### **Kunsiderazzjonijiet Ġenerali**

#### *Rikorrenza ta' żbilanċi kbar tal-Kulleġġ*

1. Iqis li huwa inaċċettabbli li minn meta l-Kulleġġ kien stabbilit bħala aġenzija (2006), bata biex jilħaq l-istandards ta' amministrazzjoni tajba mistennija minn aġenzija regolatorja; jenfazizza li sa mill-2006, verifiki ripetuti enfasizzaw problemi fl-aderenza tal-Kulleġġ mar-regolamenti Finanzjarji u tal-Persunal, mas-sistema tal-kontabilità kif ukoll nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-baġit, ir-riżorsi umani, il-proċeduri tal-akkwist u r-regoli li jirregolaw in-nefqa għal korsijiet; huwa konxju li t-titjib tal-Kulleġġ hu mistenni li jkun komplut biss mill-2014 meta l-Pjan Multiannwali tal-Kulleġġ (approvat mill-Bord Governattiv f'Mejju 2010) huwa mistenni li jkun ġie implimentat kollu kemm hu; għalhekk, mhux lest jaċċetta li l-Kulleġġ jeħtieġli mill-inqas disa' snin (2006-2014) biex jilħaq standard aċċettabbli ta' amministrazzjoni tajba mistenni minn aġenzija regolatorja;

#### *It-Tmexxija tal-Kulleġġ fis-snin 2006-2009*

2. Jikkunsidra inaċċettabbli n-nuqqas ta' responsabbiltà u professjoniżmu tad-Direttur preċedenti responsabbli quddiem il-Parlament għall-implimentazzjoni tal-baġit 2008; jenfazizza l-konklużjonijiet li ġejjin irrapportati mill-Presidenza Ċeka fit-18 ta' Mejju 2009:

— Tmexxija ħażina tal-Kulleġġ: wara l-konklużjonijiet tas-Servizz tal-Verifika Interna, il-Kummissjoni offriet li tgħin lill-Kulleġġ, iżda d-Direttur qatt m'avviċina la lid-DG JLS u lanqas lid-DG BUDG;

— Komunikazzjoni fis-segretarjat: in-nuqqas ta' komunikazzjoni u fiduċja bejn id-Direttur u l-persunal wassal għal tilwim fit-tul;

— Nuqqas ta' trasparenza: minflok ma identifika l-problemi u talab il-parir tal-Bord tat-Tmexxija jew tal-Kummissjoni, id-Direttur ma qasamx l-informazzjoni, li mbagħad instabet b'mod każwali;

— Id-Direttur responsabbli quddiem il-Bord tat-Tmexxija tal-Kulleġġ: id-Direttur ma rrispettax id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija;

3. Jiddispijaċi li l-Bord tat-Tmexxija tal-Kulleġġ ma wegħibx kif xieraq għall-iżbalji maniġerjali tad-Direttur preċedenti, sabiex ma tithammigħx l-immaġini tal-Aġenzija;
4. Mhuwix lest li jaċċetta li l-Bord tat-Tmexxija ma ħax azzjoni dixxiplinarja l-iktar minħabba l-possibbiltà ta' azzjoni legali min-naħa tad-Direttur preċedenti;
5. Jisħaq, għaldaqstant, fuq ir-responsabbiltà tal-bord ta' tmexxija tal-Kulleġġ u jissuġġerixxi li jsiru xi tibdilit fih biex din is-sitwazzjoni ma terġax isseħħ fil-ġejjieni; jitlob li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni terġa' tiġi kkunsidrata, billi jingħatalha dritt li tivvota u li tiffirma minoranza li tista' tibblokka d-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja, finanzjarja u amministrattiva tal-aġenzija fi ħdan il-bord ta' tmexxija tal-Kulleġġ u tal-aġenziji l-oħrajn tal-Unjoni;

*Żbilanċi strutturali*

6. Għandu dubju, barra minn hekk, dwar il-kapaċità tal-Kulleġġ li jegħleb għal kollox il-problemi strutturali tiegħu f'dawk li huma:
  - id-daqs żgħir tal-Kulleġġ li jqajjem dubji dwar il-kapaċità tiegħu li jittratta b'mod effikaċi l-kumples-sitajiet tar-regolamenti finanzjarji u tal-persunal tal-UE;
  - il-lok tas-segretarjat tal-Kulleġġ jinsab fi Bramshill, madwar 70 kilometru bogħod minn Londra, u dan huwa ta' żvantaġġ, fost affarijiet oħra rigward ir-reklutaġġ u l-kollegamenti tat-trasport pubbliku;
  - in-nefqa għat-tmexxija tal-Kulleġġ li mhijiex insinifikanti, meta jitqies li l-Kulleġġ għandu Bord tat-Tmexxija kompost minn 27 membru, imma jimpjega biss persunal ta' 24 (iċ-ċifri tal-bidu tas-sena finanzjarja 2008);
7. Jissuġġerixxi għalhekk, li tiġi eżaminata l-possibiltà li l-Kulleġġ jingħaqad mal-Europol bħala soluzzjoni konkreta għall-problemi strutturali u kroniċi tiegħu; jissuġġerixxi, ukoll, li l-Qorti tal-Awdituri twettaq eżami tal-aġenziji regolatorji biex teżamina, fost affarijiet oħra, il-proporzjon tal-ispejjeż tal-ħidma, tat-tmexxija u tal-operat u tevalwa kif jistgħu jiġu indirizzati l-problemi strutturali u problemi oħra, bl-għan li tiġi kkomplementata l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-aġenziji regolatorji;

*Il-pożizzjoni tal-Qorti tal-Awdituri*

8. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri mhix lesta li tagħti opinjoni mgħaġġla f'sura ta' ittra li tevalwa l-istabbiliment tal-pjan ta' azzjoni tal-Kulleġġ kif mitlub mill-Parlament fil-paragrafu 23 tar-riżoluzzjoni tiegħu <sup>(1)</sup> li tagħmel parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2008; madankollu, iqis kif jistħoqq id-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li hija diġà rrapportat b'mod estensiv fir-rapporti annwali speċifiċi tagħha għas-snin 2006-2008 dwar il-problemi li sabet fil-Kulleġġ;

*Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kulleġġ għall-2010-2014*

9. Jinnota li d-Direttur il-ġdid tal-Kulleġġ wettaq fil-ħin il-Pjan ta' Azzjoni kif mitlub fil-paragrafu 22 tar-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tal-Parlament tal-5 ta' Mejju 2010; jiddispaċih, madankollu, min-nuqqas ta' preċiżjoni fid-deskrizzjoni tal-azzjonijiet speċifiċi li għandhom jittieħdu mill-Kulleġġ; jiddispaċih ukoll li ħafna mill-indikaturi proposti mill-Kulleġġ huma vagi u mhux dejjem jgħinu b'mod ċar biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-għanijiet;
10. Jinnota li, wara talba tal-Parlament biex jiġi adottat Pjan ta' Azzjoni, id-Direttur tal-Kulleġġ u l-Bord tat-Tmexxija tiegħu kkalkulaw żmien realistiku ta' erba' snin (jiġifieri mill-2010 sal-2014) biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Anness għar-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tal-Parlament tal-5 ta' Mejju 2010; għalhekk, mhux lest jaċċetta li l-Kulleġġ jeħtieġlu mill-inqas erba' snin oħra ma' dawn biex jilħaq l-istandard aċċettabbli ta' amministrazzjoni tajba mistenni minn aġenzija regolatorja;
11. Jitlob li d-Direttur tal-Kulleġġ jinforma lill-awtorità ta' kwittanza bil-progress tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni kull sitt xhur;

**Kummenti Speċifiċi***Il-validazzjoni tal-proċeduri finanzjarji u s-sistema l-ġdida ta' kontabilità (Artikolu 43 tar-Regolament Finanzjarju strutturali)*

12. Jesprimi tħassib dwar id-diffikultajiet esperjenzati fl-2008 fil-migrazzjoni tas-sistema ta' kontabilità antika għall-ABAC u l-implimentazzjoni fit-tard ta' sistema ta' kontabilità xierqa li xorta qiegħdet f'riskju l-kwalità tal-informazzjoni finanzjarja li tikkonċerna t-trasferimenti mis-sena preċedenti, l-użu tad-dħul assenjat u r-rabta ma' ċerti ċifri fil-karta tal-bilanċ għall-2007; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-fatt li l-azzjonijiet tal-Kulleġġ issa għandhom sal-2011 biex isiru minħabba r-riżenja ta' żewġ atturi ewlenin fiċ-ċirkwit finanzjarju: l-Uffiċjal tal-Kontabilità u l-Uffiċjal għall-Finanzi u l-Baġit;

(1) ĠU L 252, 25.9.2010, p. 233.



13. Jenfasizza li l-verifika tal-Qorti tal-Awdituri ta' kampjun tal-impenji (ara r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ, paragrafu 15) uriet li, fi tliet każijiet, ma kien hemm ebda traċċa ta' verifika biex tiġi ttraċċata l-eżekuzzjoni finanzjarja u b'hekk ma kienx possibbli li jitqabblu l-bilanċi tal-għeluq tagħhom fil-kontijiet sal-31 ta' Diċembru 2008;

14. Jenfasizza li fir-rapport annwali speċjali tagħha għall-2006, il-Qorti tal-Awdituri kienet diġà semmiet li l-Kulleġġ ma kienx stabbilixxa s-sistemi u l-proċeduri meħtieġa biex hi tkun tista' tipprepara rapport finanzjarju konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju strutturali applikabbli għall-Aġenziji;

*Il-programmazzjoni u l-monitoraġġ tal-baġit*

15. Jesprimi tħassib dwar in-nuqqasijiet tal-Kulleġġ biex jipprogramma u jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-baġit; jinnota, b'mod partikolari, li 31 % tal-baġit totali tal-Kulleġġ kellu jiġi ttrasferit fl-2008; iqis bħala mhux adegwati u vagi l-miżuri proposti mill-Kulleġġ f'dan ir-rigward;

16. Jinnota li diġà għas-sena baġitarja 2007, aktar minn 20 % (EUR 0,5 miljun) tal-appropriazzjonijiet tal-Kulleġġ ittrasferiti mis-sena ta' qabel ġew ikkanċellati;

*Il-ġestjoni finanzjarja tal-ħidma tal-Kulleġġ*

17. Jesprimi tħassib dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-ħidma tal-Kulleġġ; jinnota, b'mod partikolari, li għas-sena 2008, il-Qorti ġibdet l-attenzjoni għan-nuqqas ta':

— impenn legali fi tliet każijiet, b'valur totali ta' EUR 39 500;

— impenn baġitarju li jippreċedi l-impenn legali f'disa' każijiet, b'valur totali ta' EUR 244 200;

u jqis bħala mhux adegwati u vagi l-miżuri proposti mill-Kulleġġ f'dan ir-rigward;

*L-ambjent għall-kontroll tal-akkwist*

18. Jesprimi tħassib għan-nuqqas kostanti ta' konformità min-naħa tal-Kulleġġ mar-Regolament Finanzjarju fir-rigward tar-regoli tal-akkwist pubbliku; jinnota, b'mod partikolari, l-irregolaritajiet fil-proċedura li ntużat għal kuntratt pubbliku ta' provvista li jiswja l-ekwivalenti ta' madwar 2 % tan-nefqa operattiva għall-2008;

19. Jenfasizza li fir-rapporti annwali speċjali tagħha għas-senni 2006 u 2007, il-Qorti tal-Awdituri kienet diġà kkritikat lill-Kulleġġ talli ma kellux id-dokumentazzjoni disponibbli biex jiġġustifika l-ħtieġa li jinxtraw oġġetti partikolari u biex jispjega għaliex irrikarra għal fornitur partikolari;

*L-ambjent għall-verifika tan-nefqa*

20. Jisħaq fuq il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri fl-2008 sabet inċidenza għolja ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli amministrattivi u finanzjarji applikabbli għall-infiq għall-organizzazzjoni ta' korsijiet u seminars, li jirrappreżentaw sehem sinifikanti (64 %) tan-nefqa operattiva tal-Kulleġġ; jinnota li l-irregolaritajiet ewlenin kienu jikkonċernaw: in-nuqqas ta' dokumenti fir-rigward tal-ispejjeż li saru, in-nuqqas ta' fatturi oriġinali u ta' dokumenti neċessarji għar-rimborż tal-ispejjeż ta' akkomodazzjoni, u n-nuqqas ta' verifiki tal-ispejjeż għall-ivvjaġġar tal-esperti; jistieden lill-Kulleġġ jadotta miżuri li jiggarrantixxu l-possibilità adegwata ta' verifika ex-ante u ex-post;

21. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li, fir-rapporti annwali speċjali tagħha għas-senni 2006 u 2007, il-Qorti tal-Awdituri kienet diġà rrimarkat li l-appropriazzjonijiet tal-baġit ma ntużawx f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda (Artikolu 25 tar-Regolament Finanzjarju tal-Kulleġġ);

*Approprjazzjonijiet użati biex jiffinanzjaw in-nefqa privata*

22. Jiddispyaċih li l-verifika esterna dwar l-użu tal-appropriazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa privata, imħabbra mill-Kulleġġ u li għandha ssir minn kumpanija esterna, għadha ma ġietx immedija; hu, għalhekk, imħasseb dwar dan id-dewmien li żgur mhuwiex se jħaffef ix-xogħol tal-kumpanija esterna;
23. Jinnota li fir-risposta tiegħu wara s-seduta ta' smiġh tal-25 ta' Jannar 2010, id-Direttur ta' dak iż-żmien ħabbar lill-membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit li l-fondi kienu ġew irkuprati; jirrimarka, madankollu, li GBP 2 320,77 fi spejjeż għat-trasport u t-taksis għall-2007 jidhru li għadhom ma ġewx irkuprati;
24. Jinnota wkoll li l-ammont tan-nefqa għall-użu ta' telefoni ċellulari u karożżi mill-persunal għadu mhuwiex ċar;
25. Jenfasizza l-fatt li, fir-rapport annwali speċifiku tagħha għas-sena 2007, il-Qorti tal-Awdituri kienet diġà wriet li ma kienx possibbli għall-awdituri li jeżaminaw il-ħlasijiet kollha li saru matul is-sena 2007, billi ma kienx possibbli li jiġi kkwantifikat kemm l-ammont li ntefaq b'mod irregolari għal użu privat kif ukoll it-tipi differenti ta' nefqa privata li saru;

*Il-ġestjoni tar-riżorsi umani: dipendenza minn persunal temporanju għal karigi sensittivi*

26. Huwa mħasseb li, sa issa, ġie impjegat persunal temporanju għal xogħol finanzjarju; jinnota li l-Kulleġġ stenna sal-2009 qabel ħareġ avviż ta' impjieg għar-reklutaġġ ta' Koordinatur għall-Kontroll tal-Istandards Interni u li l-intervisti għal dak l-impjieg kienu ppjanati għall-bidu tal-2010; jesprimi tħassib għall-fatt li żewġ atturi ewlenin fost il-persunal taċ-ċirkwit finanzjarju (l-Uffiċjal tal-Kontabilità u l-Uffiċjal għall-Finanzi u l-Baġit) irriżenjaw dan l-aħħar;
27. Jirreferi, għal osservazzjonijiet oħrajn li huma ta' natura orizzontali u li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 <sup>(1)</sup> dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 252, 25.9.2010, p. 241.



## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġhti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

